# IL-MIRAKLU TAL-ĠEBLA

## BIDU TA' L-PARROCCA



Kien il-lejl tal-10 ta Lulju tas-sena 1902. F'waħda mit-triqat tal-Gżira fil-kantuniera ta' Triq Manoel de Vilhena kien hemm ħanut tax-xorb ta' ċertu Karmenu Brincat u sewwa sew fuq il-ħanut kien hemm tieqa. Qrib it-tieqa kien hemm kwadru tal-Madonna tal-Karmnu magħluq f'kaxxa tal-ħġieġ.

Tliet suldati Ngliżi, William Walls, Charles Thurbull u John Packhun riedu jidħlu jixorbu u billi l-ħanut kien magħluq għax kien sar il-ħin, sid il-ħanut ma fetħilhomx. Dawn bdew iwaddbu l-ġebel lejn it-tieqa u waħda minnhom ġiet fuq il-kwadru tal-Madonna.

Bid-daqqa tal-ġebla l-kwadru tfarrak u x-xbieha tal-Madonna iċċartet. Għalkemm dakinhar kien nefaħ riħ qawwi, il-ġebla, għad li kienet ta' toqol, baqgħet imqabbda bejn żewġ biċċiet, waħda biswit l-oħra. L-għada, Dun Anton Manche', bil-permess ta' l-Isqof Pietru Pace, tela' qalagħha u taha f'idejn il-Kappillan ta' Stella Maris Dun Franġisk Vinċenzu Manche', ħu l-istess Dun Anton. Il-kwadru ġie meħud fil-parroċċa ta' Stella Maris proċessjonalment fejn saru tlett ijiem ta' priedki u talb ieħor. Minn dakinhar stess in-nies bdew isejħulha **"IL-MADONNA TAL-ĠEBLA"**.



Il-kwadru reġa ġie meħud lura fil-Ġżira u tpoġġa f'remissa, li għadha teżisti sal-lum, fi Triq Manoel de Vilhena, kantuniera ma' Triq James Cameron, u beda jsir il-quddies fiha kuljum. L-imsemmi Dun Anton Manche' ħaseb biex bena kappella żgħira li ġiet dedikata lill-Madonna tal-Ħniena. Billi n-nies kellhom ħafna bogħod għal Stella Maris inħass il-bżonn li din il-kappella ssir Viċi Parroċċa u l-Isqof Pietru Pace bl-approvazzjoni tal-Kappillan Dun Franċisk Vinċenzu Manche' b'digriet tas-7 ta' Lulju 1913 għamilha Viċi Parroċċa. Bħala Vigarju Kurat ġie maħtur l-istess Dun Anton Manche'.

Ġara illi maż-żmien il-popolazzjoni tal-Gżira kibret sew u n-nies tal-lokal dejjem kellhom ix-xewqa li jkollhom parroċċa għalihom. L-Isqof Dom Mauro Caruana qatgħalhom xewqithom u għamilha Viċi Parroċċa fil-15 ta' Mejju 1921, nhar Għid il-Ħamsin, bit-titlu ta' Madonna tal-Karmnu. L-ewwel Kappillan kien l-istess Dun Anton Manche'.

Il-Gżira kompliet tikber fil-popolazzjoni u inħass il-bżonn li l-knisja titkabbar. Għal dan ix-xogħol kien hemm bżonn l-għajnuna tan-nies, u l-imgħallem Antonio Sammut avviċina lill-Kappillan u offra ruħu li jkun hu l-imgħallem li jmexxi l-bini. Il-pjanta li għamel ġiet approvata mill-Awtorita' Ekkleżjastika u anke mill-Perit Francesco Caruana. Il-bini mbeda fl-1921 u l-Knisja kienet lesta f'Diċembru tas-sena 1935. Bi stil Doniku, hi magħmula minn kor, żewġ kappelli, korsija u sagristija. Il-bennej kien Gejtu Sciberras.

---


Tanonette

THE SHOP FOR ALL THE FAMILY

16 Conception Street,
Gżira
Tel: 21 316 434

Casual Wear
Under Wear
Children's Wear
Linen
Mattresses
Curtains made on order